# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1270

Kaz Nru. 1524

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Borg

u

Price Club Operators Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.

Data : 11 ta' Marzu 2002

**Chairman : Is-sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 11 ta' April 2001 Ref. MSP/TI/23/2001 biex tigi pprocessata skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266)

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

Is-Sur Anthony Borg aktar 'il-quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mis-Sur Joe Morana, Segretarju, Taqsima Manifattura Servizzi u Haddiema Alleati tal-U.H.M.

Ghall Price Club Operators Limited deher is-Sur Mario Ellul, Human Resources Manager assistit mill-avukat Carmel Chircop.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant beda l-impjieg tieghu mal-kumpanija fis-sena 1994 fid-*Delicatessen Counter.* Fit-30 ta' Marzu 2001 l-impjieg tieghu gie tterminat minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regoli. L-appellant isostni izda li fic-

cirkustanzi hu kien agixxa b'intenzjoni retta biex jirrimedja zball li sar minn kollega tieghu skond prattika li kienet tintuza fil-kumpanija. Ghaldaqstant isostni li d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg mill-kumpanija kienet mizura sproporzjonata, estrema u ngusta kif ukoll bi ksur tal-Ftehim Kollettiv.

Il-Kumpanija tghid li nhar is-17 ta' Marzu 2001 l-appellant kien xoghol fis Supermarket Price Club tar-Rahal il-Gdid fejn kellu l-inkarigu li iservi lill-klijenti. Kien wiehed mill-ufficcjali tas-sigurta Ray Ebejer li nnota lill-impjegata ohra tal-kumpanija Alda Zammit thallas fil-*cash-point* wara li giet servuta mid-*deli counter* mill-appellant. Minn ezami li sar mill-ufficjal irizulta li l-oggetti li kellha Alda Zammit fil-pussess taghha ma jaqblux mal-kont mahrug mill-appellant. Il-kumpanija tghid li l-appellant mhux biss naqas milli josserva l-proceduri stabbiliti mill-kumpanija izda abbuza meta ta skont mhux awtorizzat.

Il-kumpanija tghid ukoll li dan il-kaz ma kienx l-ewwel darba li l-management tal-kumpanija gibet l-attenzjoni tal-appellant. Ghaldaqstant, il-kumpanija tirrilleva li hija kienet gustifikata meta tterminat l-impjieg tal-appellant.

It-Tribunal Industrijali zamm seba' seduti fejn irrirzulta li l-kumpanija naqset li tiehu parti attiva matul il-kaz. Fis-sitt seduta tat-28 ta' Jannar 2002 it-Tribunal ghamel verbal fis-sens dwar in-nuqqas ta' attendenza minn naha tal-kumpanija. It-Tribunal ripetutament f'kull seduta qal u rrepeta li sejjer ikompli bil-kaz tan-naha li tattendi matul is-smiegh tal-kaz. Ghaldaqstant, it-Tribunal ipproceda billi sehma l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

It-Tribunal Industrijali jhoss li ghandu jikkundanna serjament l-andament tal-kumpanija f'dan il-kaz. Il-kumpanija attendiet ghal-ewwel u t-tieni seduti biss li kienu fl-4 ta' Gunju 2001 u fl-10 ta' Settembru 2001 rispettivament. Fis-7 ta' Dicembru 2001 l-avukat Carmelo Chircop, difensur tal-kumpanija, nforma lit-Tribunal permezz ta' ittra fejn iddikjara li ma ghadux aktar jirraprezenta lill-kumpanija.

It-Tribunal ra u nvestiga dak kollu li ntqal fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz sew tal-kumpanija jif ukoll tal-appellant. Il-kumpanija tghid li wiehed mill-ufficjali tas-Sigurta' Ray Ebejer innota lill-Alda Zammit, impjegata ohra tal-kumpanija, thallas fil-*cash-point* wara li giet servuta mid-*deli counter* mill-appellant. Sar ezami u rrizulta li l-oggetti li kellha Alda Zammit fil-pussess taghha ma jaqblux mal-kont mahrug mill-appellant. Il-kumpanija tghid ukoll li ma kienx l-ewwel darba li l-management tal-kumpanija gibdet l-attenzjoni tal-appellant dwar nuqqasijiet fuq il-post tax-xoghol.

Minn naha tieghu l-appellant sostna li hu ma ghamel xejn hazin meta hareg il-kont lill Alda Zammit ghamel dak li normalment kien isir sew mal-impjegati kif ukoll mal-klijenti.

Alda Zammit xehdet li ghamlet xirja mic-*cheese counter* kif kienet taghmel regolari u xtrat il-perzut li kien *gammon.* Irrizulta li meta kienet id-dar rat li ma kienetx xtrat *boning gammon* izda bone-less gammon, gieha hsieb li meta tkun xoghol tghid lil min kienet inkarigata, Francis Richards. Qalet lil Richards b'dak li gara. Richards qaltilha li nghamlu kif nghamlu s-soltu sew mal-impjegati kif ukoll mal-klijenti u naraw kemm hi d-differenza u nghatuhielek perzut. Alda Zammit sostniet li ghamlet il-proceduri kollha f'dan il-kaz avolja d-differenza kienet zghira.

Francis Richards, *Cheese Counter Attendant* xehdet li dan il-kaz ma kienx zball kbir, tant li meta l-kaz ikun kbir konna nibghatuhom ghand il-*Customer Care* imma dan kien zball zghir.

Antoinette Bonnici, *Trainee Manager* xehdet li mill-esperjenza taghha gieli kien hemm zbalji simili fuq ic-*cheese counter* u gew rimedjati mill-istaff. Meta ikun hemm *customer* b'diskrepanza kbira kienet tigi l-*Customer Care* u konna nirrangaw jew bil-flus jew inkella npattuha bil-prodott.

L-appellant jghid li meta gie mistoqsi jekk jafx li ta prodott zejjed qal li ma ta xejn zejjed ghax tajniha n-nieqes ta' qabel. Minn dak kollu li ntqal mix-xhieda jidher li l-imsejjah zball li kien hemm hadd ma cahdu l-anqas l-istess appellant. Kull ma sar f'dan il-kaz partikulari kien ezatt kif kien normallment

isir f'kull kaz li kien jinqala sew mal-impjegati kif ukoll mal-klijenti.

Il-kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-kaz tghid biss li certu affarijiet li l-appellant ta lil Alda Zammit ma deherux fil-kont. Il-kumpanija ma specifikatx kemm kienet gravi d-differenza tant illi mix-xhieda rrizulta li d-differenza kienet zghira hafna tant li d-differenza nghatat f'perzut.

In-nuqqas tal-kumpanija li tghamel il-kaz taghha jgieghel lit-Tribunal jahseb li l-interess taghha ma kienx fl-ammont tad-differenza nvoluta izda li tkecci lill-appellant mill-impjieg.

It-Tribunal ma jistghax ma jikkundannax n-nuqqas ta' interess li ntwera mill-kumpanija f'dan il-kaz; It-Tribunal Industrijali dejjem qal illi t-tkeccija mill-impjieg ghandha tkun l-ahhar pass wara li jkunu ttiehdu dawk il-passi kollha necessarji. F'dan il-kaz it-tkeccija saret fuq kaz li zgur seta' jinstab rimedju industrjali responsabbli u t-tkeccija kienet tigi evitata.

<u>Decizjoni</u>

It-Tribunal Industrijali wara li ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-kumpanija u ra u sema' dak kollu li intqal mill-appellant jiddikjara li t-tkeccija tal-appellant mill-impjieg ma saritx ghar-raguni gusta u sufficjenti. Ghaldaqstant l-appellant ghadu jigi mghoti kumpens ta' seba' mijja u sittin lira Maltin (Lm760). Dan il-kumpens irid isir mhux aktar tard minn sitt gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghal fini ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qiegħed jintaxxa d-drittijiet ghal min assista lill-appellant fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

**Alphonse Caruana**
**Chairman**

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**